# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 231/2015**

Il-Pulizija

vs

**Brian Spiteri**

Iben Joseph, imwieled Pieta' fit-8 ta' Lulju, 1982, detentur tal-karta tal-identita' numru 367582(M)

Illum 30 ta' Ottubru, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellat Brian Spiteri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli bejn il-31 ta' Lulju, 2012 u t-13 ta' Awwissu ,2012 fl-inħawi magħrufa bħala 'Il-Għaqba' biswit il-Kappella u l-fabbrika tan-nar ta' San Mikiel L/O Iklin :

Bħala l-persuna responsabbli mill-fabbrika tan-nar ta' San Mikiel L/O Iklin, b'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġuna ħruq jew għamel xi ħsara jew għarraq xi ħaġa għad-dannu ta' Emanuel Farrugia.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-5 ta' Mejju, 2015 fejn il-Qorti ddikjarat il-proċeduri estinti stante il-mewt tal-parte ċivile.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnu ppreżentat fit-18 ta' Mejju, 205 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn l-azzjoni kontra l-imputat/appellat ġiet iddikjarata estinta mill-ewwel Qorti minħabba l-mewt tal-kwerelant u minflokk, tgħaddi biex tiddeċiedi u tiddisponi mill-appell skond il-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi in kwantu l-Qorti tal-Maġistrati kif ppreseduta, permezz tad-deċizjoni tagħha hawn fuq riferita, inter alia għamlet enunċazzjoni żbaljata tal-liġi li filfatt waslet għall-ħelsien tal-imputat mill-imputazzjoni unika miġjuba kontriħ u dan għar-raġunijiet segwenti:

Illi tajjeb qabel xejn li ssir referenza għall- Kodiċi Kriminali partikolarment għal dawk l-istanzi fejn il-liġi tgħallimna liema proċeduri jirrikjedu l-kwerela tal-parti offiża u fejn hemm eċċezzjonijiet għal dan il-bżonn. Partikolarment l-Artikolu 373 jinqara kif gej:

*373. Fir-reati msemmijin fl-artikolu 370(1)*[1]*, l-ezerċizzju ta' l-azzjoni kriminali jmiss lill-offiżjew għalih lill-persuni msemmijin fl-artikolu 542, meta l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa ħlief bi kwerela ta' l-offiż:*

*Iżda, meta r-reat li għalih l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa ħlief bi kwerela tal-offiż, ikun sar bi vjolenza pubblika jew flimkien ma' reat iehor li jmiss l-ordni pubbliku, jew meta, bla ma jkun hemm ebda waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi, l-offiż ma jkunx mexxa l-azzjoni kriminali u*

---

[1] 370. (1) Huma ta' kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati - (a) il-kontravvenzjonijiet kollha msemmijin f'dan il-Kodici; (b) id-delitti msemmijin f'dan il-Kodiċi meta jaqgħu taħt il-pieni tal-kontravvenzjonijiet, jew tal-multa, jew tal-priġunerija għal żmien mhux aktar minn sentejn biż-żieda jew mingħajrha tal-multa jew ta' l-interdizzjoni;(ċ) ir-reati kollha ikkontemplati f'liġijiet oħra meta jaqgħu taħt il-pieni msemmijin fil-paragrafu ta' qabel dan, jekk il-liġi ma tkunx tiddisponi xort'oħra.

*ma jkunx irrinunzja espressament għaliha fi żmien erbat ijiem minn dak in-nhar li jkun sar ir-reat, il-Pulizija Esekuttiva tista' tmexxi l-azzjoni ex officio dwar dak ir-reat.*

Illi effettivament fir-rigward tal-każ in kwistjoni u ċioe fir-rigward ta' ħsarat ikkaġunati b'mod involontarju bi ksur tal-artikolu 328(d) il-liġi espressament tipprovdi għall-bżonn tal-kwerela tal-parti offiża, liema kwerela infatti ġiet ippreżentata, tant illi waslet għall-proċeduri odjerni u dan kif anki ġie kkonfermat kemm mill-affidavit ta' WPS198 Jennyfer Caruana[2] kif ukoll mill-atti proċesswali fejn il-preżenza ta' Emanuel Farrugia u sussegwentement ta' martu hija waħda evidenti.

Illi madankollu l-fatt waħdu li l-kwerelant miet fil-mori ta' dawn il-proċeduri fejn sfortunatament ma kienx laħaq iddepona peress li marad serjament, m'għandiex twassal għal-estinzjoni awtomatika tal-proċeduri magħmula kontra l-appellat. Dan qed jingħad peress li skond il-liġi Kriminali, l-kwerela semmai trid tiġi rinunżjata jew irtirata mill-kwerelant u ma tiġix awtomatikament eżawrita bil-mewt tiegħu. Dan jirriżulta filfatt anki mill-proviso tal-artikolu 373 li jippermetti li proċeduri jitkomplew *ex officio* meta l-kwerelant '*ma jkunx irrinunzja espressament għaliha fi żmien erbat ijiem minn dak in-nhar li jkun sar ir-reat'*. Dan mhux talli ma sarx iżda talli anki fil-mori tal-proċeduri l-kwerelant dejjem wera interess fil-proċeduri u meta' tilef ħajtu martu dehret fil-proċeduri u effettivament espremiet ix-xewqa li tixhed fuq il-fatti magħrufin lilha bħala mart il-kwerelant, liema talba pero qatt ma ġiet ittrattata peress li l-ewwel Qorti ddeċidiet li teżawrixxi l-proċediment minflokk.

Illi jingħad ukoll illi dawn il-proċeduri mhumiex regolati mill-artikolu 374 iżda mill-artikolu 375 tal-Kodiċi Kriminali fejn allavolja hemm il-ħtieġa tal-kwerela, li effettivament u kif ġie spjegat hawn fuq qatt ma ġiet irtirata, kienet il-pulizija eżekuttiva li mexxiet il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Kwindi lanqas ma jista jinhad li l-fatt waħdu li l-kwerelant ma deherx għandha b'xi mod tiġġustifika l-estinzjoni tal-proċeduri kontra l-appellat f'dan il-każ. Il-pulizija

---

[2] Ara folio 6 tal-atti proċesswali.

fil-proċeduri baqgħu issewgu l-każ u in oltre mart l-mejjet kwerelant ukoll esprimiet l-interess tagħha fit-tkomplija ta' dawn il-proċeduri.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi r-rikors tal-appell tal-Avukat Generali jista' jiġi sintetiżżat kif ġej:

Li l-fatt li l-kwerelant miet fil-mori tal-kawża ma jfissirx li jkun hemm l-estinzjoni awtomatika tal-proċeduri.

1 ) Illi l-artikolu 3 tal-Kap 9 jgħid li kull reat inissel azzjoni kriminali u azzjoni ċivili dan ifisser li ż-żewġ azzjonijiet huma distinti u separati u waħda ma teskludix lil oħra.

2 ) Illi l-artikolu 373 tal-Kap 9 jagħmilha ċara li jekk fi żmien erbat ijiem minn mindu jkun sar ir-reat ma jkunx hemm ir-rinunzja mill-kwerelant il-Pulizija Eżekuttiva tista' tmexxi l-azzjoni *ex officio* dwar dak ir-reat.

3) Illi f'dan il-każ mhux talli ma kienx hemm ir-rinunzja mill-kwerelant talli l-mara tal-kwerelant dejjem kienet uriet interess fil-każ.

Għalhekk din il-Qorti qed tilqa' l-appell intavolat mill-Avukat Ġenerali.

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet imsemmija din il-Qorti qed tirrevoka s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar il-5 ta' Mejju, 2015 u qed tibgħat l-Atti lura lil Qorti tal-Maġistrati sabiex tisma' l-każ mill-ġdid.